**156. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att tal-1974 dwar l-Edukazzjoni".

A. Illi s-seduta li fiha jidher dan l-Abbozz ta' Liġi bħala l-ewwel Ordni tal-Ġurnata tkun eżenti mill-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol biex ikun jista' jittieħed aktar minn stadju wieħed tal-Abbozz ta' Liġi.

B. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari, jekk ma tkunx intemmet qabel, m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, li jinqasmu ndaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, iżda bl-aħħar siegħa ta' din id-diskussjoni mħollija għad-diskors ta' l-għeluq (winding up) mill-Gvern; u illi wara d-diskors tal-għeluq is-Sedja għandha tqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn dwar dan it-Tieni Qari; u jekk tintalab xi votazzjoni fuq xi mistoqsija, din għandha titieħed wara ħames minuti mill-ħin li fih titqiegħed mis-Sedja l-ewwel darba;

C. Illi wara t-Tieni Qari, il-Kamra tgħaddi minnufih għall-istadju tal-Kumitat; u illi l-votazzjonijiet li jistgħu jintalbu fil-Kumitat, ma għandhomx jittieħdu wara għoxrin minuta mill-ħin li fih jintalbu l-ewwel darba (Ordnijiet Permanenti Nri. 83 u 84), iżda għandhom jittieħdu immedjatament wara xulxin fit-tmiem tal-Kumitat, wara li jkun tħalla intervall ta' ħames minuti qabel l-ewwel votazzjoni; u

D. illi t-Tielet Qari jista' jittieħed minnufih wara li jintemm il-Kumitat, jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat jekk dan ikun meħtieġ; u illi jekk tintalab votazzjoni din għandha tittieħed wara ħames minuti.

12.04.1984